MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' April, 2014

Mandat Numru. 491/2014/1

**Illum is-16 t' April, 2014.**

**Rikors Numru 491/14 SM**

**Fl-atti tal-mandat t'Inibizzjoni:**

**Fl-ismijiet:**

**Eleazar Galea (karta ta' l-identita` numru 470781 (M)) u**

**martu Nathalie Galea (karta ta’ l-identita` numru 0045514(L))**

**vs**

**Jane Carmen Roppovalente Briffa (karta ta’ l-identita` numru 0952592(M)) u Monica Zouari (karta ta’ l-identita` numru 0754559(M)) li permezz ta’ nota datata t-3 t’April, 2014, assumew l-atti ta’ dan ir-rikors ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Tanemara Galea ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta’ Marzu, 2014;

2. Rat id-digriet preliminari taghha precedenti datat ukoll is-27 ta’ Marzu, 2014, li permezz tieghu:

   2.1. Laqghet l-imsemmi rikors promotur provizorjament;

   2.2. Ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lill-kontroparti ghar-risposta;

   2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll1 u 12);

3. Rat in-nota tal-intimati *nomine* fuq gia` indikati datata t-3 t’April, 2014, (ara foll 17), li permezz taghha assumew l-atti

ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsemmija Tanemara Galea;

4. Rat ir-risposta tal-istess intimati *nomine* riferiti fil-paragrafu precedenti datata l-14 t'April, 2014 (ara fol 22 *et sequitur*);

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in kawtela tal-kreditu vantat mir-rikorrenti permezz tal-fuq riferit rikors guramentat, ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

7.1. Illi l-iskop tal-istess talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina hu biex l-intimati *nomine* jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu, kemm *inter vivos*, kemm b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, b'mod partikolari s-segwenti:

7.1.1. Sehem ta' nofs indiviz mill-fond bin-numru 1, *Saint Mary Street,* Rabat, inkluz l-arja relattiva, in parti sovrapposta ghall-proprjeta` ta' terzi u suggetta ghac-cens annwu, perpetwu u rivedibbli ta' Ewro u erbghin centezmu, (€1.40), pagabbli lill-Ufficju Kongunt u li jgawdi u hu suggett ghal

dawk is-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni fizika tal-imsemmi fond;

7.1.2. Tohloq, tikkrea jew tikkostitwixxi kwalsijasi privileggi, ipoteki, "*cautions*", "*charges*" jew kwalsijasi drittijiet ohra reali jew personali fuq l-imsemmi fond;

8. Illi l-imsemmi fond kien inxtara mill-intimata Tanemara u zewgha Meshach Galea flimkien u fi kwoti indaqs bejniethom permezz ta' kuntratt datat l-4 ta' Dicembru, 2012, in atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, (ara fol 6);

9. Illi l-imsemmi Meshach miet il-Kanada fid-29 ta' Gunju, 2013;

10. Illi ezatt qabel ma' miet ghamel dikjarazzjoni skritta, (ara fol 8 u 9), li permezz taghha ddikjara li ried jiddisponi mill-gid u l-beni tieghu wara mewtu;

11. Illi l-istess dikjarazzjoni tal-imsemmi Meshach kienet effettivament l-ahhar testment tieghu;

12. Illi tali testment hu validu fil-Kanada;

13. Illi a bazi tad-dritt internazzjonali privat, il-ligi li tiddetermina l-validita` o meno ta' tali testment hi dik tal-*lex loci actus,* fil-kaz odjern, il-ligi Kanadiza;

14. Illi konsegwentement, l-assenjazzjoni tal-gid u tal-beni tal-imsemmi Meshach ghandha ssir skond kif stipulat minnu stess fl-ahhar dikjarazzjoni tieghu fuq riferita, (ara paragrafu numru ghaxra, (10), aktar qabel), fejn specifikatament isostni s-segwenti:

> “I know that I have a will but I want this to be the final will. I Meshach Galea …. would like to express my final wish on how I want my assets to be distributed ….” (ara foll 8);

15. Illi in vista tal-premess, jirrizulta li fid-dikjarazzjoni in dizamina fuq riferita, l-imsemmi Meshach iddispona s-sehem tieghu mill-fond fuq riferit, (ara paragrafu numru sebgha punt wiehed punt wiehed, (7.1.1.) aktar qabel), billi dan kellu jigi devolut favur huh Ealzar, ir-rikorrenti odjern billi stabilixxa:

> “The portion that is legally mine on 1, *St Mary Street*, Rabat, Malta, goes to my brother Elazar Galea and his wife Natalie Galea”, (ara fol 8);

16. Illi r-rikorrenti skoprew li l-intimata nomine Jane Carmen Rappovalente Briffa iffirmat konvenju biex tbiegh il-fond in dizamina fl-intier tieghu daqs li kieku kien jappartjeni interament lilha meta dan mhux il-kaz;

17. Illi kemm il-darba jigi konkluz il-kuntratt ta’ kompravendita tal-fond *de quo*, ir-rikorrenti jsofru pregudizzju irrimedjabbli;

18. Illi l-mandat t'inibizzjoni in dizamina hu ghalhekk mehtieg biex ir-rikorrenti fuq riferiti iharsu u jissalvagwardaw id-drittijiet taghhom skont il-ligi;

19. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw ukoll li l-valur tan-nofs indiviz tal-imsemmi fond hu ta' ferm aktar minn hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro, (€11,647.00), u dan *ai fini tal*-artiklu 874 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi l-intimati nomine sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

20.1. Illi in kwantu li r-rikorrenti ma segwewx il-provvediment tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u m'ghamlux dikjarazzjoni *causa mortis* fil-konfront tal-proprjeta` in dizamina, japplika l-artiklu 63(1) tal-istess Kap fuq indikat;

20.2. Illi Tanemara Galea ghamlet dikjarazzjoni *causa mortis* datata l-11 ta' Novembru, 2013, in atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, (ara foll 24 *et sequitur*);

20.3. Illi skond l-istess dikjarazzjoni jirrizulta li l-fond meritu tal-mandat odjern jinsab registrat f'isem l-istess Tanemara Galea, (ara foll 25);

20.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda dritt fuq il-fond in dizamina;

20.5. Illi kull impediment imposta fuq l-intimata *de quo* jammonta ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghha li tgawdi l-proprjeta`;

20.6. Ilil sakemm ir-rikorrenti juru li ghandhom titolu fir-rigward tal-fond *de quo* ma jistghux jitqiesu li ghandhom xi drittijiet fir-rigward – lanqas *prima facie*;

20.7. Illi l-intimati *nomine* ma jaqblux mal-interpretazzjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-wirt tad-*decuius* Meshach;

20.8. Illi *di piu`*, anke kieku kellu jigi accettat il-wirt kif regolat mil-ligi tal-Kanada, ir-rikorrenti jridu juru li d-dokument esebit hu dokument li verament jirregola l-wirt ta' Meshach;

20.9. Illi konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

20.10.Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi analizi tas-suespost fid-dawl tal-vertenza in dizamina jirrileva s-segwenti:

21.1. Illi l-procedura inoltrata mir-rikorrenti hi wahda regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

21.2. Illi ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga, tkun li tkun, li tista' tirreka hsara immedjata lill-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

21.3. Illi pero`, qabel ma tali mandat ikun jista' jinhareg regolarment il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti segwenti:

21.3.1. Illi l-mandat *de quo* ghandu jirrizulta necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament pretizi;

21.3.2. Illi jrid ukoll ikun assodat li r-rikorrenti jkollu tal-anqas dawk id-drittijiet minnu pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi l-fatti kif fuq sintetikament esposti mill-kontendenti jindikaw *prima facie* is-segwenti:

22.1. Illi l-proprjetarju tan-nofs indiviz tal-fond mertu ta' din il-procedura kien jghix u miet il-Kanada;

22.2. Illi qabel ma miet fid-29 ta' Gunju, 2013, dan l-istess proprjetarju ghazel li jikteb dak li jissejjah *testment olografiku,* (ara foll 7 sa 9);

22.3. Illi permezz tal-istess testment ghazel li jispecifika li s-sehem tieghu tal-fond *de quo* ihallieh lir-rikorrenti, (ara foll 8);

22.4. Illi jirrizulta bl-aktar mod car li dan it-*testment olografiku* kien qieghed jithalla specifikatament mid-*decuius* involut billi:

22.4.1. Iddikjara specifikatament li qieghed ihalli dan it-testment darbtejn, (ara foll 8);

22.4.2. Attesta l-firma tieghu specifikatament fil-parti fejn kien qieghed jiddetermina l-ahhar xewqat tieghu;

Ikkunsidrat:

23. Illi f'dan ir-rigward ta' testmenti maghmulin barra minn Malta issir referenza ghall-artiklu 682 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> “Testment maghmul barra minn Malta, ghandu effett f’Malta, kemm il-darba jkun gie maghmul skond il-forma li trid il-ligi tal-lok fejn ikun sar”,

24. Illi konsegwentement, ir-*ratio* li fuqha jistriehu r-rikorrenti li galadarba it-testment olografiku in dizamina hu *ai termini* tal-ligi tal-Kanada, ghalkemm mhux ta’ Malta, dan *prima facie* jikkonsolida d-drittijiet vantati mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25. Illi ghandu finalment jinghad li r-rabta li l-intimati *nomine* jissottolineaw fir-rigward tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta ma tirrizultax daqstant rilevanti f’din il-fazi tal-procedura;

Ikkunsidrat:

26. Illi tenut kont tas-suespost, jirrizulta li r-rekwiziti elenkati fl-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit huma sodisfatti;

**DECIDE:**

27.0. Illi in vista tal-premess tqis ghalhekk li r-rikorrenti ippruvaw it-talbiet taghhom skond il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li

tirrespingi r-risposta tal-intimati nomine, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk:

27.1. Tiddikjara li qed tvarja *contrario imperio* id-digriet preliminari precedenti taghha datat is-27 ta' Marzu, 2014;

27.2. Tordna l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti Eleazar u Nathalie konjugi Galea fil-konfront tal-intimati *nomine* Jane Carmen Rappovalente Briffa u Monica Zouari ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tanemara Galea, issa b'mod permanenti;

27.3. Bl-ispejjez kontra l-istess imsemmija intimati *nomine*.

_____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------